# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M.,LL.D

Appell Nru: 426/2016

**Il-Pulizja**

**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Ivanova Parashkeva**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellanta Ivanova Parashkeva detentrici tal-karta tal-identita Bulgara bin-numru 644821868, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 ta' Awwissu, 2016 ghall-habta ta' 19:45 gewwa tas-Sliema u fi bnadi ohra, ikkommettiet serq ta' wallet minn fuq il-persuna li l-valur tieghu jammonta ghal €300, liema serq sar ghad-detriment ta' Theodoor Willem Anema, detentur tal-karta tal-identita' 0078389A minn gewwa vettura ta' ghamla Otokar b'numru tar-registrazzjoni BUS-814 li kienet assenjata rotta numru 13, li hu aggravat bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u anki bil-valur li jaccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Awwissu, 2016, li biha, wara ammissjoni tal-appellanta, sabitha hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannatha ghal sittax il-xahar prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ivanova Parashkeva, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Settembru, 2016, li permezz tieghu talbet it-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata u l-liberatorja minn kull htija u piena jew alternattivament ir-riforma tas-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellanta u lill-abbli Avukat Generali;

Rat l-atti processwali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanta kienet tressqet b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar it-28 t'Awwissu 2016, jum il-Hadd, sabiex twiegeb ghar-reat ta' serq akkumpanjat bl-aggravji tal-hin, xorta tal-haga misruqa u dak tal-valur. Stante li l-appellanta ma titkellimx bl-ilsien Malti kien mahtur interpretu biex jaqleb mill-ilsien Malti ghal dak Bulgaru u vice-versa. Kien ukoll mahtur avukat tal-ghajnuna legali sabiex jassisti lill-appellanta li fil-presenza tal-istess avukat ammettiet l-imputazzjoni u wara li inghatat zmien sabiex tikkontempla d-dikjarazzjoni ta' hitja kkonfermat quddiem il-Magistrat decidenti dik l-ammissjoni li ghalhekk ghaddiet ghas-sentenza mertu ta' dan l-appell;

2. L-appell odjern huwa msejjes fuq zewg gravami: dak tal-ammissjoni erronja da parti tal-appellanta u dak alternattiv dwar il-piena, fi kliemha sproporzjonata u eccesiva, kominata mill-Qorti tal-ewwel grad. Fl-ewwel aggravju taghha, l-appellanta, bi kritika tas-sistema tal-ghajnuna legali, donnha tallega li l-avukat li kien qed jassistiha gwidaha hazin meta ammettiet ghal-imputazzjoni tar-reat konsmat ta' serq aggravat meta l-fatti kienu jirravvizaw l-attentat ta' dak ir-reat. Hija ntebhet li kienet ghamlet zball wara li semghet il-piena kominata mill-Qorti;

3. L-abbli difensur tal-appellanta jikwerela s-sistema tal-ghajnuna legali bhala responsabbli ghall-ammissjoni apparentement zbaljata tal-appellanta u dan b'lanjanzi ta' natura kostituzzjonali li izda din il-Qorti ma tistghax tinnoltra dwarhom ghaliex jezorbitaw mill-kompetenza taghha. Dak illi donnu timplika l-appellanti hu li l-avukat assenjat biex jassistiha quddiem l-ewwel Qorti ma kienx ghall-altezza tal-kompitu fdat lilu anke ghaliex is-sistema hi tali li ma tassigurax ix-xelta tal-avukat li talvolta tohloq sitwazzjoni fejn dak l-avukat mhux necessarjament joffri difiza tajba lill-patrocinat tieghu. Dan kien premess fl-isfond tal-provi, anke jekk skarsi, minn fejn jemergi illi l-fatti in ispeci jipotizzaw aktar l-attentat tar-reat milli r-reat kkonsmat. Tajjeb li jinghad in rigward illi l-atti processwali juru *in primis* imputazzjoni ta' serq aggravat. Wara li l-ufficjal prosekutur qrat l-imputazzjoni bil-gurament u wara li sar l-ezami taghha, l-appellanta, irregistrat ammissjoni. Jemergi ukoll illi matul il-proceduri kollha l-appellanta kellha l-beneficcju tal-interpretu fl-ilsien li titkellem hi. Wara li inghatat hin biex tikkontempla d-dikjarazzjoni taghha skond id-dispost tal-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, l-appellanta tenniet il-htija taghha. Ma hemmx dubju ghalhekk illi matul il-process quddiem il-Qorti tal-ewwel grad kienu osservati d-dettami kollha tal-ligi u ma hemm xejn li jimmerita li jkun censurat minn din il-Qorti;

4. Opportunement jkun mfakkar, u dan minghajr ebda riflessjoni fuq l-operat tal-ewwel Qorti in rigward kif ukoll fuq il-mertu ta' dan l-appell, illi l-vot tal-ligi kif ravvizat fl-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali

jehtieg li jkun segwit b'mod skrupoluz sabiex ikunu salvagwardati sia d-drittijiet tal-imputat kif ukoll id-diversi diffikultajiet li jistghu jinqalghu bl-inosservanza taghhom. Huwa ghalhekk ta' importanza massima illi meta imputat jirregistra ammissjoni fil-kwadru tal-artikolu 392A, il-Qorti ghandha fl-ewwel lok twissieh dwar il-konsegwenzi ta' dik l-ammissjoni u b'mod effettiv tissospendi dawk il-proceduri sabiex l-imputat jinghata hin sufficjenti jezamina l-posizzjoni tieghu. Meta terga tissejjah il-kawza l-Qorti ghandha l-ewwel tistaqsi lill-imputat jekk inghatax bizzejjed zmien biex jahseb dwar il-konsegwenzi ta' dik l-ammissjoni, jekk fehemx in-natura tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u l-pieni li hemm marbuta maghhom. Jekk fl-affermattiv il-Qorti imbaghad tghaddi biex terga tistaqsi lill-imputat jekk jixtieqx jikkonferma dik l-ammissjoni jew jiddikjara nuqqas ta' htija. Dan kollu naturalment ghandu jkun registrat fl-atti u b'hekk ikunu evitati xi ekwivoci dwar l-osservanza ta' dan l-aspett procedurali;

5. Il-kwistjoni hawn devoluta tikkomplika ruhha ghaliex fl-appell taghha l-appellanta ma tindikax bi kliem car li l-ammissjoni taghha saret b'mod errat u li konsegwenza t'hekk trid terga lura minnha. Li kien hekk kien isegwi li din il-Qorti, in linea anke mal-gurisprudenza in rigward, tghaddi sabiex taccerta ruhha li dak li qed titlob l-appellanta huwiex dovut ghall-zball genwin meta ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti kontriha jew jekk huwiex ripensament dwar l-ammissjoni taghha wara li inghatat il-piena konsegwenza tas-sejbien ta' htija.

6. Tajjeb li in rigward issir referenza ghal dak li rriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri** tal-20 ta' Jannar 1995: "*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-*

*kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollezz. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenoke' ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat. Anke recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti".* Insenjament dan citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rainer Grima** tat-12 ta' Mejju 2004 u aktar rrecenti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Andre Falzon** App Krim 19.11.2015 u **Il-Pulizija vs Tamer Mohammed Hussein Rozik** App Krim 4.2.2016;

7. Fuq skorta ta' dan l-insenjament, jidher illi dak li mmotiva lill-appellanta biex tirrikorri ghall-proceduri odjerni kien fil-verita ripensament tal-ammissjoni taghha wara li semghet il-piena kominata mill-ewwel Qorti. L-appellanta tikkoncedi li hija disposta tammetti ghall-attentat ta' serq u ma offrietx id-deposizzjoni taghha sabiex din il-Qorti tkun fil-posizzjoni tikkonsidra l-intenzjoni vera taghha fil-hin tal-ammissjoni. Kif gia inghad, l-provi f'din il-kawza huma skarsi u dan ghaliex mal-ammissjoni tal-appellanta l-ewwel Qorti pprocediet ghal-prolazzjoni tas-sentenza. L-ufficcjal prosekutur kienet esebiet l-okkorrenza tal-incident u l-istqarrija tal-appellanta. Mill-okkorrenza jemergi illi l-kwerelant kien irraporta li waqt li kien niezel mill-karozza

tal-linja hass xi haga tmisslu riglejh u hemm innota li l-wallet tieghu kien nofsu barra mill-but tal-qalziet u ra id persuna li kienet dik tal-persuna bilqieghda magenbu. L-appellanta kienet mitkellma mill-Pulizija u nfurmata li kienet ser titressaq il-Qorti ghar-reat ta' attentat ta' serq. Fl-istqarrija taghha imbaghad, mhix kontestata minnha, l-appellanta kienet mistoqsija domandi dwar it-tentattiv u mhux dwar ir-reat konsmat. Il-Prosekuzzjoni ghazlet illi tressaq lill-appellanta ghar-reat konsmat aktarx, kif tista' tikkondkludi din il-Qorti, ghaliex mill-fatti mgharufa lill-Pulizija u minnha interpretati l-azzjoni kienet tammonta ghar-reat konsmat u mhux ghall-attentat. L-appellanta inghatat l-opportunita' kollha li tikkontesta dik l-imputazzjoni kif kunsidrat *supra* izda ghazlet li tammetti u l-ewwel Qorti, kif del resto anke l-avukat difensur taghha, ma raw xejn li seta jinducihom li dik l-ammissjoni ma kienitx wahda konkordi mal-fatti u li timmerita li tkun emmnuta. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed ikun michud;

8. Fit-tieni aggravju taghha l-appellanta tilmenta mill-*quantum* tal-piena kominata. Din il-piena hija fil-parametri tal-ligi u l-ewwel Qorti mmotivat r-ragunijiet taghha ghaliex kienet qed terroga dak il-perjodu ta' karcerament. Issa ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad fil-kominazzjoni tal-piena, fic-cirkostanzi singolari ta' dan il-kaz fejn fl-eventwalita' li provi ulterjuri setghu iwasslu ghal sejbien ta' htija tal-attentat ta' reat, tenut kont ukoll tal-ammissjoni bikrija, jidher li jkun ekwu u gust li jkun hemm temperament fil-piena billi din il-Qorti tikkonsidra diminuzzjoni;

9. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanta hatja, u tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatha ghal-terminu ta' prigunerija ta' sittax-il xahar u minflok tikkundannaha ghal-terminu ta' prigunerija ta' xahrejn li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellanta ilha inkarcerata.